**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**MAĠISTRAT**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Roxanne Tabone)**

**-Vs-**

**MOHAMED MEHDI FADI ZIBAR**

**SAMY BABOU**

**Illum 30 ta' Lulju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat li **SAMY BABOU I**mwieled Maisons- Laffitte gewwa Franza nhar 28/09/2001 bin Mohamed u Hafida xebba Lasfar residenti 60, Rue De la Croix Mallard, 78500 Sartrouville, France detentur tal-Passport Franciz numru 20AD59691, u **MOHAMED MEHDI FADI ZIBAR** imwieled Maisons-Laffitte ġewwa Franza nhar 02/09/1999 bin Ahmed Zibar u Fatiha xebba Guettara residenti 11, Rue Du Mal de Lattre de Tassigny 78500 Sartrouville, France u 10, Hughes Hallet Street, Sliema detentur tal-Passport Franciz numru 20EE82895, ġew mixlija talli fid-29 ta' Lulju 2023, gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, ghall-habta ta' 04.32hrs:

1. Dahlu f' zona ristretta gewwa l-Ajruport minghajr il-permess tal-Kap tas-Sigurta' fl-Avjazzjoni, u tal-awtorita responsabbli ghal stallazjoni ta' navigazzjoni fl-ajru, jew persuna li tagixxi f' isem dak il-Kap jew dik l-awtorita, u skont kull kondizzjoni li bis-sahha taghha ikun ghal dak iz-zmien inhareg dak il-permess;

2. Ukoll talli fl-istess data hin u cirkostanzi, dahlu f' zona ristretta minghajr ma kellu security pass jew awtorizzazzjoni temporanja bil-miktub mahruga mill-Kap tas-Sigurta fl-Avjazzjoni;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgħet lill-Uffiċjal Prosekutur taqra l-akkużi;

Semgħet lill-imputati jirreġistaw ammissjoni u jiddikjaraw li huma ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom;

Semgħet lill-imputat jaffermaw il-ħtija tagħhom anke wara li tathom ħin biex jirrikonsidraw id-dikjarazzjoni tal-ħtija tagħhom u sabiex jikkonsultaw mal-avukat tagħhom kif ukoll wara li fissrtilhom il-piena erogabbli;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni li giet registrata mill-imputati, liema ammissjoni del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tagħhom bl-assistenza ta' interpretu ġuramentat, il-Qorti tqis li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tagħhom ġew debitament ippruvati u b'hekk l-imputati ghandhom jinsabu ħatja tar-reati li ġew mixlija bihom.

Ghall-fini tal-piena ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputati ammettew minnufih il-ħtija tagħhom, anke matul l-interrogazzjoni, u kko-operaw pjenament mal-Pulizija fl-investigazzjoni dwar dawn ir-reati, ċioe', li daħlu f'żona ristretta l-ajruport mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Kap tas-Sigurta' fl-Avjazzjoni u mingħajr security pass, bi ksur tal-artikoli 11 u 12(1) tal-Kap. 405 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti tqis li dawn ir-reati huma serji għaliex il-ħsieb tal-leġislatur meta esiġa awtorizzazzjoni speċifika għad-dħul ġewwa żoni ristretti tal-ajruport, kien, evidentement, li jipproteġi s-sigurta' tal-avjazzjoni u l-ajruporti f'sens wiesa' billi jiġi punit egħmil li jippreġudika u jipperikola s-sigurta' tal-avjazzjoni f'sens wiesa'.

Madanakollu, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hu ovvju li l-imputati aġixxew bi ħsieb relattivament innowku: mill-atti u mis-sottomissjonijiet orali jirriżulta li huma studenti barranin li ġew Malta minn Franza għal btala u kienu attendew għal festin ġewwa Monte Kristo Estates meta raw ajruplan ipparkjat fl-ajruport u ddeċidew li jmorru jarawh u jieħdu ritratt u video ta' dan l-ajruplan. Biex għamlu dan qabżu r-reċint u daħlu f'żona ristretta.

Għalkemm egħmilhom hu illegali kif ukoll insensat, anke għaliex l-imputati setgħu jipperikolaw is-sigurta' tagħhom infushom, il-Qorti ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi li fihom wettqu dawn ir-reati, il-karattru tal-imputati - li m'humiex persuni kriminali iżda huma studenti ta' eta' relattivament żgħira li dehrilhom li setgħu jieħdu ritratt ta' arjuplan mill-viċin - u l-fatt li għandhom fedina penali kompletament netta. Fuq kollox, qieset il-fatt li huma ddispjaċihom ħafna ta' egħmilhom u skużaw ruħhom bis-sħiħ għat-twettiq ta' dawn ir-reati. In vista ta' dan

kollu, inkluża x-xorta tar-reat u l-karattru tal-ħatja, ma jkunx spedjenti li twaħħal piena u serja minflok tagħti ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata.

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 11, 12(1) u 17 tal-Att dwar is-Sigurta' fl-Ajruportijiet u fl-Avjazzjoni Ċivili (Kapitolu 405 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lil SAMY BABOU u MOHAMED MEHDI FADI ZIBAR ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation (Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) qiegħda tilliberahom bla ħsara għall-kondizzjoni li ma jagħmlu ebda reat ieħor fi żmien sentejn.**

**Il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmlu xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, jistgħu jingħataw sentenza għar-reat oriġinali**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**